MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 326/2003

**Avviz numru  326/03 DM**

**Eric Camilleri**

**Vs**

**Johnaton Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef u tlett mitt lira Maltin (Lm4300), jew somma ohra verjuri, rappresentanti danni mill-konvenut ikkagunati f'incident awtomobilistiku tas-17 ta' Novembru, 2002, fi Triq il-Helsien, Qormi, bejn il-vettura misjuqa minnHu (Hyundai Accent LCK 528) u dik ta' l-attur (Kia ERC 015) liema ncident sehh unikament tort u imputabbli bit-traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien ta' regolamenti tat-traffiku

da parti tal-konvenut prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabbli ghal tali incident.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lill-attur, u rat id-dokumenti kollha minnu esebiti u billi l-konvenut naqas li jattendi ghas-seduta tal-lum sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma izda limititament ghas-somma ta' tlett elef, tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm3,350) f'liema somma l-meritu gie ridott b'nota pprezentata mill-attur fis-seduta tal-lum stess.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni li grat fis-17 ta' Novembru, 2002, fi Triq il-Helsien, Qormi kif indikat fl-avviz, u konsegwentement qedgha tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kollha li kkawza lill-attur f'tali incident u qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma kif ridotta ta' tlett elef u tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm3,350), bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Gunju, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------